MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 753/2009

Fawzi Mohammed M **EL BKAY**

vs

**KORPORAZZJONI GĦAX-XOGĦOL U TAĦRIĠ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-31 ta’ Lulju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (i) issib li l-ordni magħmul lilu mill-Korporazzjoni mħarrka li ċaħditlu t-talba għat-tiġdid tal-permess biex jaħdem f’Malta bħala *steel fixer* ma jiswiex u m’għandu l-ebda effett għaliex ingħata b’abbuż tas-setgħat tagħha u għal għanijiet amministrattivi mhux xierqa u msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti kif irid l-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (ii) tagħti kull rimedju ieħor fiċ-ċirkostanzi. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta’ Awissu, 2009, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-Awtorita’ mħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Korporazzjoni mħarrka fit-28 ta’ Ottubru, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, eċċepiet li (i) l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex tressqet bla ma qabel saret talba b’att ġudizzjarju kif irid l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, (ii) li l-ġudizzju m’huwiex sħiħ għaliex il-Ministru responsabbli mill-Immigrazzjoni (u li f’ismu u bis-saħħa tad-delega minnu mogħtija ttieħdet id-deċiżjoni impunjata mill-attur) ma tħarrikx u (iii) li l-attur m’huwiex il-leġittimu kontradittur tal-Korporazzjoni mħarrka għaliex l-attur ma ressaq l-ebda talba għall-ħruġ tal-permess u ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni minnha fuq xi applikazzjoni tiegħu. Fil-mertu laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi m’humiex mistħoqqa għaliex ir-rikorrent bħala persuna ta’ nazzjonalita’ barranija ma għandu l-ebda dritt jippretendi li tinħariġlu jew li tiġġeddidlu liċenza biex jaħdem f’Malta, u li l-Qorti la tista’ tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Korporazzjoni mħarrka b’tagħha biex tordna l-ħruġ ta’ tali permess u lanqas tista’ tissindaka s-setgħat tal-Ministru responsabbli fl-għażla tiegħu li joħroġ jew li jirtira permess bħal dak;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta’ Diċembru, 2009, li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Korporazzjoni mħarrka (minn issa ’l quddiem imsejħa “ETC”);

Semgħet ix-xhud imressaq mill-ETC;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attur dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' ETC;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-ETC fl-10 ta' Jannar, 2011[1];

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilminta minn deċiżjoni meħuda li ċaħdet talba għat-tiġdid tal-permess tiegħu biex jaħdem f'Malta wara li kienet ilha tiġġedded għal żmien twil;

Illi ETC laqgħet b'eċċezzjonijiet, kemm preliminari u kif ukoll fil-mertu. Din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel tnejn minnhom, u jiġifieri jekk kemm-il darba l-azzjoni attriċi tiswiex għaliex ma tħarsux id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u jekk kemm-il darba l-ġudizzju huwiex sħiħ ladarba l-Ministru responsabbli mill-immigrazzjoni m'huwiex parti fil-kawża;

Illi, fil-qosor, il-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti juru li l-attur twieled il-Libja fl-1971. F'Lulju tal-2003[2] huwa żżewweġ fil-Libja lil Samira Khaliss, mara ta' nazzjonlaita' Marokkina. F'Settembru ta' dik l-istess sena nħarġilhom permess biex jidħlu f'Malta[3]. F'Settembru tal-2004, l-attur u martu kellhom tarbija li twieldet f'Malta[4], u llum jattendi

[1] Paġġ. 100 – 2 tal-proċess
[2] Dok "ME10", f'paġ. 61 tal-proċess
[3] Dok "ME6", f'paġ. 34 tal-proċess
[4] Dok "ME11", f'paġ. 64 tal-proċess

skola f'Malta[5]. F'xi żmien matul l-2007, l-attur sab xogħol ma' kumpannija tal-bini f'Malta u inħareġ permess biex hu jaħdem f'Malta bħala *steel fixer* mal-imsemmija kumpannija[6]. Il-permess kellu jibqa' fis-seħħ sal-aħħar ta' Lulju, 2008. Lill-attur inħarġitlu wkoll Karta tal-identita' Maltija f'Marzu ta' dik l-istess sena, u lil martu x-xahar ta' wara[7]. F'Mejju tal-2008, il-permess tax-xogħol tal-attur iġġedded b'sena[8], u l-attur kien jaħdem b'mod regolari u jħallas sehemu tat-taxxa tad-dħul u kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali[9]. F'Marzu tal-2009[10], l-attur u martu ħarġu ittra uffiċjali kontra l-Prim Ministu, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali biex jgħarrfuhom li kien meħtieġ li jiġġeddu l-permessi tar-residenza tagħhom u li huma kellhom interess li jħarsu l-jeddijiet mogħtijin lilhom bil-Kostituzzjoni dwar id-"dritt ta' familja", ladarba binhom kien twieled f'Malta. F'ittra mibgħuta mill-ETC lill-imgħallem tiegħu f'April tal-2009, it-talba għat-tiġdid tal-permess tiegħu biex jibqa' jaħdem f'Malta ma ntlaqgħetx u il-liċenza tiegħu biex jibqa' jaħdem f'Malta ma ġġedditx[11]. Il-kawża nfetħet f'Lulju tal-2009;

Illi b'<u>konsiderazzjoni tal-aspetti legali tal-ewwel eċċezzjoni taħt eżami</u> jibda biex jingħad li l-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jrid li l-ebda att ġudizzjarju li bih jinbeda proċediment ma jista' jitressaq u ebda proċediment ma jista' jittieħed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita' uffiċjali tagħha qabel ma jgħaddu għaxart ijiem min-notifika b'ittra uffiċjali jew protest li jfissru b'mod ċar il-pretensjoni jew talba lill-Gvern, awtorita' jew persuna bħal dak;

Illi waqt it-trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni, l-għaref difensur tal-attur argumenta li l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi ma tgħoddx fil-każ ta' kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju bħalma hija dik li ressaq l-attur. Minbarra dan, żied jgħid li, f'kull każ, l-attur kien ħareġ ittra uffiċjali fi żmien xieraq

[5] Dok "ME4", f'paġ. 22 tal-proċess
[6] Dok "ME13", f'paġġ. 70 – 1 tal-proċess
[7] Dok "ME5", f'paġ. 23 tal-proċess
[8] Dok "ME2", f'paġ. 19 tal-proċess
[9] Dok "ME12", f'paġġ. 65 – 9 tal-proċess
[10] Dok "ME1", f'paġġ. 16 – 7 tal-proċess
[11] Dok "ME3", f'paġ. 21 tal-proċess

qabel fetaħ il-kawża u għalhekk l-imsemmija eċċezzjoni ma tgħoddx. Min-naħa tagħha, ETC tissottometti li ladarba l-liġi ma tqiegħedx azzjonijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju fost dawk il-proċedimenti li l-liġi teħles minnhom il-ħtieġa tat-talba ġudizzjarja preventiva, allura l-artikolu 460(1) jgħodd għal azzjoni taħt l-artikolu 469A ukoll;

Illi dwar l-ewwel argument, l-attur ma jidhirx li għandu raġun. Kif sewwa targumenta ETC, ingħad dejjem li l-azzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-morsa tal-imsemmi artikolu 460 huma dawk li jissemmew b'mod tassattiv fis-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu. Kull azzjoni oħra li taqa' 'l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja **u** l-mogħdija ta' żmien ta' għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti ġudizzjarji ma jgħoddux għal daqshekk;

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li l-imsemmi artikolu jgħodd ukoll għal kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju mressqa taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex azzjoni bħal dik ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-għamliet ta' proċeduri msemmija fis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 460;

Illi dwar it-tieni argument tal-attur hemm aktar x'jingħad. Jirriżulta li f'Marzu tal-2009, l-attur u martu u binhom kienu fil-fatt ħarġu ittra uffiċjali. Bis-saħħa ta' dan, jisħaq l-attur, il-kawża tal-lum, li tressqet erba' xhur wara, twettaq il-vot tal-liġi. ETC tgħid li dan m'hu minnu xejn għaliex għalkemm tassew li nħarġet ittra uffiċjali, hi ma kinitx fost l-intimati li lilha dak l-att ġudizzjarju kien indirizzat;

Illi l-Qorti tagħraf li l-ħtieġa tal-ħruġ ta' talba ġudizzjarja qabel tista' tinfetaħ kawża jew jittieħed proċediment ieħor hija regola proċedurali li tagħti privileġġ lill-Gvern. Bħala tali, tirrappreżenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet tagħha konta l-amministrazzjoni pubblika. Minħabba f'hekk, it-tħaddim tar-regola iebsa maħluqa bl-

artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili trid tingħata tifsira restrittiva biex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-awtorita' pubblika fejn din tista' tibqa' miexja 'l quddiem. Jibqa' dejjem li dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti *ex ufficio*[12];

Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern, korpi u persuni msemmija f'kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni[13];

Illi għalhekk l-għan wara l-imsemmi artikolu 460 – dak li jagħti lill-Gvern u lill-awtoritajiet pubbliċi l-opportunita' li jiddefendu kif jixraq lilhom infushom f'każ li jittieħdu proċeduri kontra tagħhom[14] – m'għandux jissarraf fiċ-ċaħda bla rażan tal-jedd taċ-ċittadin li jfittiex id-drittijiet tiegħu fil-qrati;

Illi, min-naħa l-oħra, dan jitlob ukoll li min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu. Fil-fehma tal-Qorti, l-attur naqas f'żewġ aspetti f'dan ir-rigward b'mod li l-imsemmija ittra uffiċjali li huwa ressaq ma tistax titqies ta' fejda għall-azzjoni li huwa ressaq b'din il-kawża tal-lum. <u>L-ewwel nuqqas</u> kien il-fatt li dik l-ittra uffiċjali ressaqha kontra persuni li f'din il-kawża m'humiex parti. Jew aħjar, f'dik l-ittra uffiċjali ETC m'hijiex intimata. Dan huwa nuqqas determinanti, għaliex l-artikolu 460 jagħmilha ċara li l-interpellazzjoni ġudizzjarja trid tkun kontra dik il-persuna jew awtorita' li kontriha tinbeda l-kawża (jew proċedura oħra li tkun) wara li jgħaddu l-għaxart ijiem żmien hemm imsemmija[15]. Lanqas ma jgħodd li l-ittra

[12] Ara P.A. FGC: **7.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Savio Spiteri vs Onor. Prim Ministru et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)
[13] App. Ċiv. **9.2.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***David Harding vs Lawrence A. Farruġia et*** (mhix pubblikata)
[14] Ara, per eżempju, App. Inf.**10.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana***
[15] Ara Maġ. (Għ) AE **16.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Sacco vs Suprintendent Mediku Sptar Ġenerali ta' Għawdex et*** (mhix appellate)

uffiċjali ntbagħtet ukoll kontra l-Prim Ministru, għaliex sa mill-1995, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jgħid min jirrappreżenta lill-Gvern f'kawżi quddiem il-Qrati Ċivili[16]. It-tieni nuqqas huwa l-fatt li l-artikolu 460 jrid li l-pretensjoni tal-mittent jew tal-protestant fl-ittra uffiċjali jew fil-protest "tiġi mfissra b'mod ċar". Fil-każ tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Marzu, 2009, l-attur żgur ma ressaqx talba ċara dwar dak li qiegħed jattakka bil-kawża tal-lum, u dan għas-sempliċi raġuni li ċ-ċaħda tat-tiġdid tal-permess tiegħu biex jaħdem f'Malta saret mill-anqas xahar wara li kienet inħarġet dik l-ittra uffiċjali;

Illi l-attur ma qajjem l-ebda kwestjoni dwar jekk ETC hijiex waħda minn dawk l-entitajiet li jgħodd għalihom l-artikolu 460. Mhux kull entita' li hija maħluqa bil-liġi jew li l-Gvern jista' jkollu kontroll fiha tista' ssejjaħ favuriha l-imsemmi privileġġ[17]. Iżda, minħabba ċirkostanza partikolari li sejra tissemma aktar 'il quddiem, din il-Qorti tqis li ETC hija "benefiċjarja" tal-privileġġ proċedurali mogħti bl-imsemmi artikolu u dan bis-saħħa tad-delega Ministerjali li hija ilha li ngħatat sa minn Lulju tal-2005[18]. Bis-saħħa tal-imsemmija delega, ETC libset l-attributi kollha ta' enti governattiv jekk mhux saħansitra wkoll il-personalita' eżekuttiva vestita fil-Ministru konċernat. Jekk wieħed jaqra sewwa d-delega ministerjali magħmula lil ETC fil-Gażżetta Uffiċjali, wieħed isib li din ingħatat taħt is-saħħa tal-artikolu 26(1) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta li espressament jipprovdi li kemm il-Prim Ministru u kif ukoll il-Ministru (responsabbli mill-Immigrazzjoni) għandhom is-setgħa li jawtorizzaw lil "xi korp magħqud stabilit bil-liġi biex jeżerċita minfloku s-setgħat kollha jew uħud minnhom mogħtija lilu bħala Prim Ministru jew Ministru" safejn il-liġi nnifisha tippermetti li tali setgħat jistgħu jkunu delegati. Fil-każ partikolari, ETC ngħatawlha b'delega s-setgħat li jinħarġu permessi biex persuna teżerċita xi professjoni jew xogħol f'Malta[19] u l-għoti ta' garanzija li taħtha jinħareġ permess bħal dak[20];

---

[16] Art. 181B tal-Kap 12
[17] Ara. P.A. JA **12.10.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***C.E.B. Metals Ltd vs Malta Industrial Parks Ltd et*** (sentenza *in parte*)
[18] Dok "ETC1", f'paġ. 12 tal-proċess
[19] Art. 11(1)(3) tal-Kap 217
[20] Art. 12(1) tal-kap 217

Illi filwaqt li huwa magħruf li kull persuna jew korp delegat minn Ministru tal-Gvern jitqies bħala mandatarju tal-istess Ministru (wkoll għall-finijiet proċedurali)[21], il-kliem tad-delega partikolari mogħtija lill-ETC jixhed li s-setgħat delegati ttrasferew ukoll il-personalita' u d-diskrezzjoni li l-istess Eżekuttiv iħaddan li kieku dik id-delega ma saritx. Dawk is-setgħat tibqa' żżommhom sakemm jiġu rtirati minn min tahomlha. Minbarra dan, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li ETC twettaq funzjonijiet pubbliċi u tħaddan kwalita' ta' awtorita' pubblika b'kariga pubblika. Li kieku ma kienx hekk, kieku l-azzjoni tal-atturi taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ma kinitx tista' titressaq għaliex l-istħarriġ ġudizzjarju jsir biss fir-rigward ta' għemil amministrativ ta' awtorita' pubblika. Dan jinsab affermat ukoll f'deċiżjonijiet oħrajn dwar korpi jew korporazzjonijiet statutorji oħrajn[22];

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni mibdija mill-atturi kontra l-ETC riedet tħares il-proċedura stabilita fl-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li n-nuqqas ta' tħaris ta' dawk id-dispożizzjonijiet iġibu ma tiswiex l-istess azzjoni;

Illi għalhekk l-eċċezzjoni preliminari taħt eżami tirriżulta mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi għalkemm issa l-Qorti tista' ma tqisx ukoll <u>it-tieni eċċezzjoni preliminari</u>, jidhrilha li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li hija għamlet dwar l-ewwel eċċezzjoni, tgħid biss li ladarba ETC hija mogħnija bis-setgħat ministerjali kif imfissra aktar 'il fuq, ma jistax jingħad li f'azzjoni bħal dik imressqa mill-attur il-Ministru li ddelega l-imsemmija funzjonijiet lill-istess ETC irid ikun ukoll parti fil-kawża. Fil-fehma tal-Qorti, l-ġudizzju huwa sħiħ bl-ETC bħala l-parti mħarrka u ma hemmx bżonn li fil-kawża jiddaħħal il-Ministru wkoll. Wara kollox, id-deċiżjoni li l-permess tax-xogħol tal-attur ma jiġġeddidx jidher li ttieħdet mill-ETC u mhux mill-Ministru;

---

[21] P.A. **31.1.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Borġ Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.862**)

[22] Ara, per eżempju, P.A. AM **2.10.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Spiteri et vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata)

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** u ssib li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex tressqet bi ksur tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li kien jgħodd għaliha, u għalhekk teħles lill-Korporazzjoni mħarrka milli toqgħod iżjed fil-kawża **bi spejjeż għall-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------